**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawża Numru: 8**

**Rik. Ġur. 283/2013 RGM**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tal-14 ta' Ottubru 2014 Enemalta plc assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Enemalta**

**vs.**

**Cassar Fuel Limited**
**(C – 28453)**

## Il-Qorti:

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Enemalta plc gia' Korporazzjoni Enemalta** ppreżentat fit-22 ta' Marzu, 2013 li jaqra kif ġej:

1. Illi fl-4 ta' Diċembru 2006 saret operazzjoni ta' pumpjar ta' "*fuels*" mill-istallazzjoni Has-Saptan, li hija proprjeta` tal-Korporazzjoni rikorrenti,

ghall-vapur *Sacro Cour*, li huwa proprjeta` tas-socjeta` intimata, li kien ormeggjat fil-*Marine Terminal* ta' Ras Hanzir, Kordin, ukoll proprjeta` tal-Korporazzjoni rikorrenti;

2. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u kif jirrizulta mill-anness rapport immarkat bhala Dok. A, waqt li kien ghaddej l-ippumpjar tal-fuel, il-*hose pipe* tal-Korporazzjoni EneMalta, li minnu kien ghaddej l-*fuel*, garrab danni estensivi minhabba dak li jissejjah "*liquid hammering*" li kien ikkawzat unikament minhabba nuqqasijiet imputabbli lis-socjeta` konvenuta;

3. Illi barra minn hekk, in segwitu ghalhsara fil-hose pipe, kien hemm ukoll perkolar ta' "*fuel*" fil-bahar, b'dan illi l-Korporazzjoni hadet passi mmedjati, a spejjez taghha, sabiex dan jigi kontenut u saret operazzjoni immedjata, ukoll a spejjez tal-Korporazzjoni rikorrenti (invoice relattiva annessa u mmarkata bhala Dok B), sabiex il-*fuel* jingabar bl-inqas dannu possibbli ghall-ambjent minn socjeta` kompetenti f'dan l-ezercizzju, senjatament is-socjeta` *Cassar Ship Repair Limited*;

4. Illi ghalhekk il-Korporazzjoni soffriet danni li jammontaw ghal sbatax -il elf sitt mija u hames euro u sbatax -il centezmu (€17,605.17c) rapprezentanti inkwantu ghal elf tmien mija u sittax -il euro u wiehed u disghin centezmu (€1,816.91) (ekwivalenti ghal seba' mija u tmenin Lira Maltija – Lm780) danni lill-*hose pipe* proprjeta` tal-Korporazzjoni, inkwantu ghal tlettax -il elf mija u zewg euros u tlieta u sebghin centezmu (€13,102.73) (ekwivalenti ghal hamest elef sitt mija u hamsa u ghoxrin – Lm5,625) reprezentanti spejjez mhallsa lil *Cassar Ship Repairs Limited*, sabiex jitnaddaf il-bahar miz-zejt u inkwantu ghal elfejn sitt mija hamsa u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€2685.53c) taxxa fuq il-valur mizjud bhala konsegwenza ta' dan l-incident li sehh minhabba nuqqasijiet imputabbli lis-socjeta` konvenuta;

5. Illi s-socjeta` intimata ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, ukoll permezz ta' diversi ittri

ufficjali, baqghet inadempjenti u rribatiet ir-responsabilita` ta’ l-akkadut (Dok C1 – C9);

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi in vista tas-suespost il-Korporazzjoni EneMalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta` *Cassar Fuel Limited* hija responsabbli ghall-incident li sehh fl-4 ta’ Dicembru, 2006 u konsegwentement ghad-danni kkawzati lill-Korporazzjoni EneMalta.

2. Tillikwida d-danni hekk kkawzati lill-Korporazzjoni EneMalta fis-somma ta’ sbatax -il elf sitt mija u hames euro u sbatax -il centezmu (€17,605.17c) jew somma verjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha okkorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta` Cassar Fuel Limited thallas lill-Korporazzjoni EneMalta s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta’ l-ittri ufficjali prezentati mill-Korporazzjoni EneMalta u datati 20 ta’ Lulju, 2007, 10 ta’ Gunju, 2009 u 8 ta’ April, 2011 u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata minn issa ingunta in subizzjoni.

Risposta **tas-soċjetà Cassar Fuel Limited** ppreżentata fid-9 t’April, 2013 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi s-socjeta` esponenti tirrespingi bil-qawwa kollha kif *del resto* dejjem ghamlet sa min dakinhar tal-allegat incident, it-talbiet attrici li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u kull dannu risultanti jkun unikament sapportat waqt is-smigh tal-provi u kwindi certament ma hemmx ebda

responsabbilita` ta' danni li ghandhom jigu likwidati kontra s-socjeta`intimata.

2. Illi jsegwi illi l-ammont ta' €17,605.17 jew somma anqas verjuri li jista talvolta jirrizulta ma jista qatt jigi likwidat kontra s-socjeta` intimata izda sapportat mill-istess Korporazzjoni.

3. Illi konsegwentement s-socjeta` intimata certament ma tistax tigi kkundannata thallas ebda somma likwidata.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-azzjoni hija in kwalsiasi kaz certament preskritta.

5. Illi ulterjorment is-socjeta` intimata mhijiex il-legittimu kontradittur *stante* illi l-vapur *Sacro Cuor* mhuwiex il-proprieta` tas-socjeta` intimata izda tas-socjeta` *Diane Holdings Limited*.

6. Illi anke s-segwenza tar-rapporti konkluzi *ex parte* jikkontradixxu l-verita` tal-fatt *stante* illi anke mill-laqghat li saru dejjem gie attribwit il-ksur tal-*hose pipe* proprjeta` illi mhuwiex minnu illi, allegatament inghalqu xi *valves* waqt l-operazzjoni tal-*loading tal-fuel*. Dan zgur ma kienx il-kaz tant li jirrizulta *ex admissis* illi l-ksur tal-*hose pipe* sehh proprju 13.10 hrs (Events Itenary: *loading of the gasoil stopped due to failure of hose*) u 14.55 hrs *Loading of the gas oil continued* (vide tielet (3) pagna Report Doc A esebit. Dan jikkonferma t-tesi tas-socjeta` intimata li hija ma setghetx ghalqet, jew kellha raguni taghlaq il-*fuel valves* meta l-*loading of fuel* kien ghad fadallu u t-tankijiet kienu ghadhom mhux mimlija u ma setghet qatt tikkawza pressjoni fuq l-*hose*.

7. Illi ghalkemm il-*hose* giet certifkata mis-*surveyor* Daniel Grima fit-2 ta' Marzu, 2006, l-incident sehh fl-4 ta' Dicembru, 2006, diversi xhur wara; wara li l-EneMalta uzat l-imsemmija *hose* proprjeta` taghha litteralment ta' kuljum u b'kontinwita` sabiex tghabbi l-*fuel* kollu lill-vapur lokali ta' sidien varji. Kien semplicament kif jikkonferma l-istess rapport, *failure*

tal-imsemmija *hose* li mhijiex proprjeta` tas-socjeta` intimata izda tal-Korporazzjoni EneMalta u ghalhekk ghandha u kellha tkun hi responsabbli ghal kull dannu emergenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Ġunju 2016 li permezz tagħha ġiet deċiża l-ħames eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi ppreżentata fis-27 ta' Frar 2019 kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fit-8 t'April 2019;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli Avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Fl-4 ta' Diċembru 2006 kienet qiegħda ssir operazzjoni ta' pumpjar ta' fuel mill-istazzjoni ta' Ħas-Saptan għal Marine Terminal f'Ras Ħanżir u sussegwentament għal vapur Sacro Cour, proprjetà tas-soċjetà konvenuta. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-istazzjoni ta' Ħas-Saptan huwa madwar erba' (4) kilometri 'l bogħod mit-Terminal f'Ras Ħanżir, u li tnejn huma proprjetà tas-soċjetà rikorrenti.

Il-fuel bejn it-Terminal u l-vapur kien qiegħed jiġi ppumpjat minn ġo manka / *hose pipe,* proprjetà tal-Enemalta plc. Diversi kienu t-tankijiet abbord il-vapur li riedu jimtlew. Jirriżulta li kull tank huwa mgħammar b'valv separat li kien qiegħed jiġi kkontrollat mill-ekwipaġġ tas-soċjetà konvenuta abbord l-istess vapur waqt l-imsemmija operazzjoni. Ġara li wara tletin (30) minuta ta' din l-operazzjoni l-*hose pipe* iċċarat. Is-soċjetà rikorrenti tispjega li dan seħħ minħabba *liquid hammering* u ċioe *'sudden stopping and starting of the liquid delivery in the supply lines. These sudden changes in liquid velocity, deliver an intense impact load down the entire liquid line to the accessories.'*[1]

Minħabba dan it-tiċrit fil-pajp ġara li l-fuel li kien għaddej minnu spiċċa jtir ma kullimkien inkluż fil-baħar. Kien għalhekk li s-soċjetà rikorrenti ħadet dawk il-passi neċessarji sabiex timminimizza l-ħsara fuq l-ambjent u dan għamiltu billi ġie kontenut u miġbur il-fuel li pperkola ġol-baħar u dan bl-assistenza tal-kumpanija Cassar Ship Repair Limited.

Is-soċjetà rikorrenti tispjega li dawn id-danni ġew ikkawżati minħabba nuqqasijiet imputabbli lis-soċjetà konvenuta u kien għalhekk li s-soċjetà Enemalta intavolat dawn il-proċeduri sabiex tiġbor id-danni li hija sofriet fis-somma totali ta' sbatax-il elf, sitt mija u ħames Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€17,605.17).

Ikkunsidrat

Illi fir-raba' eċċezzjoni tagħha s-soċjetà konvenuta ssolevat li l-azzjoni hija waħda preskritta iżda waqt is-seduta miżmuma fl-14 t'Ottubru 2013 din l-eċċezzjoni ġiet irtirata mill-istess soċjetà u għaldaqstant m'hemmx aktar ħtieġa li din il-Qorti tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Ikkunsidrat

[1] Definizzjoni mogħtija mill-esperti ex-parte tas-soċjetà rikorrenti - paġna 7 tal-proċess.

- ***Mili tat-tankijiet***

M'huwiex kontestat bejn il-partijiet li hemm proċedura ta' kif għandu jsir il-mili tat-tankijiet. Għandu jingħad qabel xejn li t-tankijiet abbord il-barges huma maqsumin f'numru ta' fillieri separati, b'dan li kull filliera jkollha żewġ tankijiet, wieħed fuq ix-xellug u l-ieħor fuq il-lemin, sabiex waqt li jkun qiegħed jimtela l-vapur ma jkunx hemm piż eċċessiv fuq naħa iżda jinqasam proporzjonalment fuq iż-żewġ naħat. Meta timtela filliera, tinbeda filliera oħra.[2] L-Inġinier Philip Borg jispjega li 'Meta tank ikun wasal biex jimtela, l-ewwel jinfetah it-tank li jkun ser jimtela warajh, **<u>imbaghad</u>** jinghalaq l-ewwel tank. B'hekk ikun assigurat li l-passagg tal-fuel qatt ma jkun interrott. Dan ix-xoghol isir fuq il-*barge* u jsir mill-*crew* taghha li jkun fuq il-vapur u allura jkun jaf eżatt x'qieghed jiġri fit-tankijiet tal-vapur.'[3]

Dak li ma jaqblux fuqu l-partijiet huwa x'kien li kkawża t-tiċrita fil-manka. Filwaqt li s-soċjetà rikorrenti tispjega li kien l-ekwipaġġ li naqas milli jiftaħ il-valv tat-tank li kien imiss qabel għalqa l-valv ta' dak it-tank li kienu qed jimlew, is-soċjetà konvenuta tgħid li kienu l-impjegati tas-soċjetà rikorrenti li għalqu l-valv min-naħa tagħhom.

- ***X'ikkawża t-tiċrita fil-manka?***

Żewġ impjegati tas-soċjetà rikorrenti, Charles Cardona u George Abdilla, li kienu fuq il-post meta seħħ l-inċident taw rendikont dettaljat ta' x'raw u ta' x'semgħu qabel iċċartet il-manka.

**Charles Cardona** fl-affidavit tiegħu qal li 'waqt l-operazzjoni ahna nnutajna u assumejna, mill-hoss tal-fuel, li t-tankijiet li kienu qeghdin jimtlew kienu kważi mimlija u ġbidna l-attenzjoni lin-nies ta' Cassar,

[2] Proċedura spjegata minn Charles Cardona fl-affidavit tiegħu f'paġna 61 tal-proċess.
[3] Paġna 55 tal-proċess.

inkluż lil Stephen Cassar, sabiex dan jahseb sabiex jibdew jaqilbu ghat-tankijiet fil-filliera li jmiss. [...] F'hin minnhom il-hoss tal-fuel waqaf. Minn hawn ahna nkunu nistghu nikkonkludu li l-filliera ta' tankijiet li kienet qeghda timtela kienet ġiet maghluqa. Malli waqaf niezel il-fuel gara li hosepipe tal-Enemalta letteralment iccartet min-nofs u beda hiereg il-fuel minnha ghal bahar u ghal fuq il-moll.'[4]

Dan reġa' ikkonfermah fix-xhieda viva voce tiegħu tas-6 ta' Mejju 2015:

Xhud: [...] Wara xi nofs siegha, x'hin beda' jintela' t-tank, bdiet tinstema' l-hoss tal-pressjoni tiela. Gbidna l-attenzjoni kemm-il darba lill-ekwipagg tal-barge, wegbuna li all right, all right, qed jiehdu hsieb. Baqghet tielgha l-hoss, ergajna gbidna l-attenzjoni u qalilna li t-tank wasal biex jintela'. Ghalqu l-valve, l-hoss waqaf, il-hose stirat bil-pressjoni, ghidnilhom biex jifthu malajr, pumm u sparat il-hose[5]

[...]

Dr. Jimmy Vella: Sewwa nghid jiena, li l-valve inghalqet?
Xhud: Bilfors inghalaq il-valve ghax kieku l-hose ma marritx.
Imhallef: Inti pero' tlajt fuq il-vapur halli tara jekk filfatt inghalqitx?
Xhud: **Il-valve rajnih jinghalaq ahna**. Huma kienu qed jaghmlu t-tank, qed jimlew il-vapur.[6]

Min-naħa tiegħu, **George Abdilla,** li qatt ma ġie soġġett għal kontro-eżami, spjega fl-affidavit tiegħu li 'meta konna qegħdin naghtuhom il-fuel, ahna ndunajna mill-hoss tal-fuel li t-tankijiet li kienu qeghdin jimtlew kienu kważi mimlija u ġbidna l-attenzjoni lin-nies ta' Cassar, sabiex dan jahseb jaqilbu ghall-filliera li jmiss. [...] f'hin minnhom il-hoss tal-fuel waqaf u malli gara hekk il-manka ccartet u bdiet xxerred il-fuel'[7], 'huwa

[4] Paġna 62 tal-proċess.
[5] Paġna 138 tal-proċess.
[6] Enfasi miżjud. Paġna 145 tal-proċess.
[7] Paġna 65 tal-proċess.

car hafna li qabel ma ghalqu l-filliera li jmiss u ghalhekk ingemghet pressjoni kbira fuq il-hose pipe li ċċarat'[8].

Minn ottika teknika, is-soċjetà rikorrenti resqet diversi Inġiniera sabiex jispjegaw x'ġara. L-**Inġinier Philip Borg,** impjegat mas-soċjetà rikorrenti 'il fuq minn 25 sena, spjega:-

'Kjarament li gara f'dan il-kaz huwa li meta kien wasal biex jimtela t-tieni tank u kien ghad fadal ammont ta' fuel x'jimtela, minflok ma saret il-procedura fis-sekwenza li suppost ghandha ssir, cioe jinfetah it-tank li jmiss imbaghad jinghalaq dak li jkun imtela, it-tank li kien wasal biex jimtela nghalaq, sabiex ma jfurx, qabel ma nfetah it-tank li kien behsiebhom jimlew warajh minhabba li jidher li kien hemm xi hsara fil-valve tat-tielet tank. B'hekk inghalaq il-passagg ghall-fuel bil-konsegwenza li f'qasir żmien il-pressjoni fil-linji telghet b'rata mghaggla hafna u faqghet il-*hose pipe* u l-fjuwil beda jtir f'kull direzzjoni. Kif gara hekk l-operaturi ta' l-Enemalta ghalqu minnufih il-*valve* li hemm fil-linja fuq il-moll u b'hekk evitaw aktar tixrid ta' fuel.'[9]

L-Inġinier Borg ma kienx waħdu ta din il-fehma. L-**Inġinier Paul Cardona** xhed "Li kien gara kien, dan kienu qed jaghtu id-diesel lill-vapur, mill-art lill-vapur, u l-vapur hemmhekk jikkontrolla kemm jidhlu fit-tankijiet billi jiftah il-valve jew jaghlaq il-valvi. Dak jikkontrolla l-flow rate ta' kemm timlih, timla l-vapur malajr jew bil-mod. Issa jekk, hemmhekk il-kontrol huwa totali fuq il-vapur. Il-ghala? Ghax inti ghandek il-pompa l-art qed taghti, qed tghaddi minn pipeline u minn valvi wkoll li tikkontrolla, izda l-kontroll finali ta' kemm jidhol fuq il-vapur huwa mill-vapur, huwa l-valvi tal-vapur. Ara li kieku kien bil-kontra, tikkontrollah mill-art, imma la inti qed timla' mill-art ghall-vapur, **il-kontroll tal-valvi li bih tikkontrolla kemm jitla' prodott abbord, huwa totalment responsabbilta' tal-vapur**.'[10]

[8] Paġna 66 tal-proċess.
[9] Paġna 55 tal-proċess.
[10] Enfasi miżjud. Paġna 165 tal-proċess.

Mill-banda l-oħra s-soċjetà konvenuta, apparti li tgħid li l-'manka kienet misjura' u din il-Qorti ser tiġi għaliha aktar 'l quddiem, hija tiddefendi l-pożizzjoni tagħha billi tagħti x'tifhem li kienu l-impjegati tas-soċjetà rikorrenti li kkawżaw t-tiċrita fil-manka meta għalqu l-valv min-naħa tagħhom.

Din il-Qorti tosserva li għalkemm is-soċjetà konvenuta nnegat mill-ewwel fir-risposta ġuramentata tagħha li l-ekwipaġġ tagħha ma kienx għalaq il-valv minn fuq il-vapur, imkien ma' semmiet fir-risposta tagħha li kienu l-impjegati tal-Enemalta li għalqu l-valv, din id-difiża bdiet tintuża waqt xi kontro-eżamijiet li kien qiegħed jagħmel il-legali tas-soċjetà konvenuta.

L-operazzjoni mertu tal-kawża kienet qiegħda tiġi regolata mill-ekwipaġġ fis-sens illi kien l-ekwipaġġ li kellhom jagħtu indikazzjoni lill-impjegati tal-Enemalta li ser iwaqqfu l-konsenja u allura jagħtu l-istand-by xi ħin qabel ikun ser iwaqqfu l-konsenja (dik li hija magħrufa bħala barge stop). Meta tingħata din l-indikazzjoni l-ħaddiema tal-Enemalta jippreparaw sabiex iwaqqfu l-fluss tal-fuel billi jibdew jagħlqu l-valvi bil-mod min-naħa tagħhom u jinfurmaw lill-kollegi tagħhom ġewwa Ħas Saptan li qegħdin fuq stand-by.

Ġara li l-ekwipaġġ ma kienx ta din l-ordni ta' stand-by u għalhekk l-impjegati tal-Enemalta ma kinux f'pożizzjoni li jagħlqu l-fluss ġaladarba ma kinux ordnati jagħmlu hekk mill-ekwipaġġ.[11] In oltre, din il-Qorti hija kemxejn perplessa kif id-difiża tas-soċjetà konvenuta fl-argumenti finali tagħha kompliet tinsisti li l-valv kien ġie magħluq mis-soċjetà rikorrenti meta **Stephen Cassar** stess, iben wieħed mid-Diretturi tal-kumpanija konvenuta kif ukoll ħaddiem fl-istess kumpanija fl-affidavit tiegħu qal li

[11] Ing Philip Borg fl-affidavit tiegħu f'paġna 55 – 56 tal-proċess josserva li: 'l-manka infaqat bhala riżultat ta' pressjoni ghola u dan setgha jiġi kkawżat biss minn gheluq tal-valves fuq il-vapur u mhux min-naha tal-Korporazzjoni li qatt ma nghatat xi sinjal li kellha twaqqaf l-operazzjoni'.

‘Kienu tal-Enemalta li waqqfu l-pressa tal-fuel billi ghalqu l-valve tal-moll **kif intebhu li l-fuel spara fuq il-barge** u fuq il-moll u fil-bahar’[12].

Ix-xheda ta' Stephen Cassar tikkorrobora x-xhieda tas-soċjeta' attriċi illi l-valv fuq il-moll kien għadu miftuħ meta l-manka ġarbet il-ħsarat.

In oltre, bħal ma’ diġà ġie spjegat aktar ‘l fuq, il-barge għandha l-valves li tikkontrolla l-fluss tal-fuel. L-Inġinier imqabbad f’isem is-soċjetà konvenuta, **Daniel Grima** fir-rapport tiegħu ikkonferma li *‘the tanker operators were responsible to open, close and/or throttle the loading valves to ensure no oil spills would occur from the vessel and this appeared to have been the case on this occasion. At the same time the terminal personnel were responsible to open, close and / or throttle the terminal manifold loading valves to prevent excessive pressures on their hose string and the ship’s lines. To assist them (Enemalta Operators) maintain a constant and low pressure on the hose string the terminal manifold is equipped with pressure gauges.’*[13]

Lanqas huwa loġiku li l-manka ċċartet għax ingħalaq il-valv minn fuq il-moll. Il-pressa dejjem ser tinbena mill-għeluq tal-valv lura u mhux ‘il quddiem, fis-sens illi jekk għall-argument il-valv ingħalaq minn fuq il-moll u l-valv tal-barge kien għadu miftuħ, il-pressa mhux ser tinbena bejn il-moll u l-barge għaliex il-fuel li kien hemm fil-manka kien ser jiġi mixħut fit-tank u b’hekk l-ebda ħsara fuq il-manka ma setgħa jsir. Min-naħa l-oħra, dejjem bl-istess argument li l-valv kien magħluq minn fuq il-moll, il-pressa ser tinbena bejn Ras Ħanżir (u ċioe mill-moll) u Ħas-Saptan (minn fejn toħroġ il-provvista tal-fuel) u l-ħsara ssir hemmek. Dan ġie spjegat mill-Inġiniera li xehdu quddiem il-Qorti li estratt tax-xhieda tagħhom ser tiġi hawn riprodotta għall-finijiet ta' elaborazzjoni tal-aspett tekniku tal-vertenza:

[12] Enfasi miżjud. Paġna 227 tal-proċess.
[13] Paġna 249F tal-proċess.

**L-Inġinier Philip Borg** fix-xhieda tiegħu tas-16 ta' Frar 2015 spjega:

Xhud: [...] Li irrid inkompli nispjega huwa li l-pressjoni ser tinbena qabel il-valve li jkun inghalaq. Wara il-valve ma jigri xejn. Anzi il-pressjoni ser taqa`. Ghaliex issa mhux ser jibqa gej dak il-fuel li gej. [...] Jekk jinghalaq il-valve ta' l-art, il-pressjoni ser tinbena minn valve qablu, anzi mat-tarf mieghu, u il-manka ser tigi relieved bil-pressjoni tal-flow li kienet ghaddejja.
Qorti : Jekk inghalaq minn naha tal-barge.
Xhud : Minn naha tal-barge. Jigifieri il-pressjoni li ser tinbena fuq il-manka ser tinbena, l-ewwel tibda minn dan it-tarf imbaghad il-pressjoni tiġi transmitted lura. Ghaliex inti taghmel bhal mewggha. Hekk tibda sejra timxi l'hemm u l'hawn. Imma l-ewwel li ser tibbildja hija fejn inghalaq il-valve.
Dr Cachia : U f'dan il-kaz minn fejn spara il-hose pipe jekk joghgbok?
Xhud : Il-hose pipe spara mit-tarf fejn kien mqabbad mal-barge. Minn dak it-tarf li spara. [14]

Dan ġie riaffermat mill-**Inġinier Paul Cardona** fix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Mejju 2015:

Dr. Jimmy Vella: Allura engineer, f'dan il-kaz ta' responsabbilta' tal-vapur, jekk jigri xi haga fuq il-vapur, ic-cirkostanza rappurtata firrapport taghkom hija normali dik li tissejjah 'liquid hammering'?
Xhud: No, normali, normali mhix. Il-liquid hammering hu jekk intitaghlaq il-flow, dan qisek qed taqbad lil xi hadd u taghlaqlu ghonqu.
Imhallef: Qed tifga l-flow.
Xhud: Qed tifga l-flow. Meta tifga l-flow, mela inti ghandek ċertu ammont ta' prodott diehel, il-pompa ghaddejja, ghadha ghaddejja, u inti ghalaqtha. X'jigri? Inti tohloq pressjoni b'sahhita hafna fuq il-pipe, fuq il-hose u l-pipeline, illi xi haga ha ccedi. U f'dal-kaz ceda l-hose.
Imhallef: Ceda il?

[14] Paġna 126D tal-proċess.

Xhud: Hose. Il-pipe tal-lastiku li jkun flessibbli biex inti tghaqqad l-art mal-vapur.
Dr. Jimmy Vella: U dan il-flow jigifieri, minn fejn ikun inghalaq?
Xhud: Heq, minn xi valve minn fuq il-vapur illi qed tikkontrolla. Jekk inti ghalaqtu mill-art, inti ghalaqtu qabel il-hose, mela l-hose ma tistax taghmillu over-pressure fih ghax inti qieghed tifgaw qabel ma jidhol fil-hose. Jekk inti taghlqu wara l-hose, mela ghandek il-pompa ghadha taghti l-art.[15]

**Charles Cardona,** wieħed mill-operaturi li kien preżenti fuq il-moll meta seħħ l-inċident xhed fl-affidavit tiegħu 'li kieku konna waqqafna l-fuel min-naha taghna ma kien jiġri ebda hsara lill-hose pipe billi kull ma kien jiġri kien li tonqos il-pressa fuq il-manka u din żgur li ma ticcarratx u dan kif jiġri kull darba li nwaqqfu nipprovdu l-fuel meta taghlaq operazzjoni. Minn kif ġraw l-affarijiet huwa car hafna li **qabel ma ghalqu l-filliera li kienet qeghda timtela ma kienux fethu l-filliera li jmiss** b'dan li kif ghidt ingemghet pressjoni kbira fuq il-hose pipe li ma felahx ghal din il-pressjoni u ċċarat b'sahha kbira.'[16] Waqt ix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Mejju 2015 reġa' kkonferma dak li qal fl-affidavit u ċioe:

Xhud: Kieku ghalaqna l-valve ahna, l-hose titbattal ghax il-vapur jigbidha by ... u titla' l-pressjoni fin-naha taghna, fil-pipeline, mhux hose did-darba. Hija steel pipeline u jara l-pressjoni tiela'.
Dr. Jimmy Vella: Dan gara, l-pressjoni fl-isteel pipeline?
Xhud: No, ma garax.
Dr. Jimmy Vella: Ma garatx. Jigifieri, inti li kont hemmhekk u rajt u smajt, x'tikkonkludi?
Xhud: **Il-vapur ma lahaqx fetah it-tank li kien imissu jiftah**.[17]

[15] Paġna 165 tal-proċess.
[16] Enfasi miżjud. Paġna 62 tal-proċess. Din ġiet ikkonfermata wkoll minn George Abdilla fl-affidavit tiegħu paġna 65 tal-proċess.
[17] Enfasi miżjud. Paġna 139 tal-proċess.

- ***Preżenza tal-ħaddiema tal-Enemalta fuq il-moll***

Fl-affidavit tiegħu **Stephen Cassar** prodott mis-soċjeta' konvenuta xhed li n-'nies tal-Enemalta ma kien hemm hadd la hdejn il-valve u l-anqas hdejn il-valve li jkun fuq il-moll'[18]. Permezz ta' dan ix-xhud is-soċjeta' konvenuta qed issostni li l-ħaddiema tal-Enemalta ma kinux preżenti fuq il-moll waqt l-operazzjoni u kien għalhekk li huma ma setgħux jaraw jekk l-ekwipaġġ fetħux il-valv li kien imiss minn fuq il-vapur.

Mis-*survey report* tal-**Inġinier Daniel Grima,** espert ex parte tas-soċjetà konvenuta, *a punto vergine* niżżel hekk '*During the operation, communication between ship and terminal was by verbal communication* ***as the terminal personnel were standing by the terminal manifold valves adjacent to the vessel within a few meters***'[19].

Dan ġie ikkonfermat ukoll minn **Charles Cardona** fix-xhieda tiegħu fejn xhed li huwa kien preżenti fuq il-moll u li kienet qed issir kommunikazzjoni verbali bejnu u bejn in-nies fuq il-barge, liema barge tkun tmiss mal-moll u hija baxxa, ix-xhud juża l-kliem *'eye level'*[20] Tant kien fuq il-moll u mhux fil-kamra kif qiegħda tallega s-soċjetà konvenuta li fuq mistoqsija tal-legali tal-imsemmija soċjetà jekk huwa daħalx biex iċempel, ix-xhud qal li kien hemm kollega tiegħu viċin il-kamra li ġera huwa biex iċempel Ħas Saptan.[21]

- ***Il-kundizzjoni tal-manka***

Mir-risposta ġuramentata tagħha s-soċjetà konvenuta tagħti x'tifhem li l-użu ta' kuljum tal-manka iġġib magħha kedd bl-użu (*wear and tear*). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tgħid li l-manka 'kienet misjura' u li

---

[18] Paġna 227 tal-proċess.
[19] Enfasi miżjud. Paġna 249E tal-proċess.
[20] Paġna 140 tal-proċess.
[21] Paġna 143 tal-proċess: Dr. Matthew Brincat: Issa meta nqala' l-incident, inti dhalt, x'ghamilt? Xhud: Mhux jien grejt. Kien hemm iehor fil-vicin li gera biex icempel.

'kellha kważi 20 sena'. Huwa ben saput li min jallega jrid jipprova u għalhekk kien jeħtieġ li s-soċjetà konvenuta ġġib prova konkreta li l-manka kienet misjura bl-użu u li kienet ilha tintuża għal 20 sena.

Kuntrarjament għal dak li qiegħda tgħid is-soċjetà konvenuta, mill-provi prodotti jirriżulta li l-**Inġinier Daniel Grima**, fis-16 ta' Jannar 2006 ħareġ ċertifikat, li huwa validu għal sena, li juri li l-manka ġiet minnu eżaminata u jgħid li l-kundizzjoni tagħha hija waħda sodisfaċenti. Ma' dan jgħid ukoll li saru *'hydrostatic pressure test of 7.5 bars and pressure held for about 15 minutes without failure'*.[22] Huwa kkonkluda li l-manka '*is suitable for fuel transfer operations at a safe working pressure not more than 5 bars*'.[23] Waqt ix-xhieda tiegħu tal-10 ta' Marzu 2014 l-Inġinier Grima spjega li huwa jiċċekkja jekk hemm '*physical damages*' u jekk għalkemm ikun għadda mill-pressure test imma viżwalment jidher li jista 'jisparaw aktar tard [...] nikkundannawhom'[24].

Il-Qorti tosserva li meta kien imqabbad mis-soċjetà konvenuta sabiex iħejji rapport tal-inċident l-Inġinier Grima iddikjara li '*its condition was rather well used*'. Huwa għalhekk biss f'dan l-istadju li ħarġet din il-kontradizzjoni bejn dak li kien qal ix-xhud ħdax-il xahar qabel.

Kuntrarju għal dak li qiegħda tisħaq issa s-soċjetà konvenuta, tirriżulta dikjarazzjoni ffirmata mill-kaptan tal-vapur stess u ċioe x-Ship-shore Safety Check List li minnha jirriżulta li kien qabel li *'cargo and bunker hose/arms in good condition and properly rigged and where appropriate certificates checked*'[25]. Ix-xhieda konfliġġenti mressqa mis-soċjeta' konvenuta f'dan ir-rigward jirrendi l-allegazzjoni tal-'wear and tear' bħala mhux sodisfaċentment ippruvat. Għall-kuntrarju,iċ-ċertifikazzjoni li kien għamel l-istess Inġnier Daniel Grima fuq il-hose pipe ftit xhur qabel turi li fuq bażi ta' probabilita' l-manka kienet f'kondizzjoni tajba fil-ħin tal-

[22] Paġna 11 tal-proċess.
[23] Paġna 11 tal-proċess.
[24] Paġna 89 tal-proċess.
[25] Paġna 15 tal-proċess.

inċident. Fi kwalunkwe każ is-socjeta' konvenuta naqset milli ġġib provi sabiex issostni l-allegazzjoni tagħha li l-manka kienet misjura biż-żmien u l-użu.

L-argument l-ieħor tas-soċjetà konvenuta huwa li l-manka għandha kważi 20 sena. M'huwiex ikkontestat mis-soċjetà rikorrenti li l-*hose pipe* ġie manifuterat fl-1987, però huwa l-espert tekniku mqabbad mis-soċjetà konvenuta stess li waqt il-kontro-eżami mil-legali tas-soċjetà konvenuta tal-10 ta' Marzu 2014 li stqarr li għalkemm il-manifattura tal-pipe kienet fl-1987 'mhux bilfors ikun ilu jintuża minn nineteen eighty seven (1987) [...] jista' jkun li kien storjat x'imkien u erba (4) snin wara, hames (5) snin wara jew dakinhar stess beda jintuza'[26]. Anka hawn għalhekk lanqas ġie speċifikament determinat kemm kien ilu in użu il-*hose pipe* in kwistjoni u l-fatt waħdu li l-manka ġiet manifettura kważi 20 sena qabel seħħ l-inċident ma jwassalx waħdu għall-konklużżjoni li l-inċident seħħ minħabba difett fil-*hose pipe* in kwistjoni.

- ***Mezz ta' kommunikazzjoni***

Il-Qorti tosserva li fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha, is-soċjetà konvenuta tallega li 'ma hemm ebda kommunikazzjoni bejn l-impjant ta' Has-Saptan u ix-Xatt f'Ras Hanzir fejn il-vapuri jidhlu mal-moll sabiex jghabbu l-fuel'[27]. Mill-provi prodotti fosthom mix-xhieda ta' Anthony Camilleri u r-ritratti minnu prodotti juru li *a contrario* ta' dak allegat mis-soċjeta' konvenuta, jirriżulta li hemm kommunikazzjoni diretta permezz tat-telefon. Dan l-istess xhud jispjega li peress li huma jaħdmu taħt l-art, għalxejn jippruvaw jikkommunikaw bir-radju għaliex huwa impossibbli li dan jaqbad. Is-soċjetà konvenuta b'mod ripetittiv tgħid li l-mezz ta' kommunikazzjoni bejn Ras Ħanżir u Ħas-Saptan huwa wieħed fi 'stat

[26] Paġna 90 tal-proċess.
[27] Paġna 290 tal-proċess.

primittiv'[28] u 'topera b'mezzi antiki'[29]. Għalkemm is-soċjetà konvenuta tagħmel dawn l-allegazzjonijiet, ma ġabet l-ebda prova li din hija sistema antika u li kkontribwit għall-akkadut.

Fi kwalunkwe każ, kif ġia supra osservat, dawn il-kontestazzjonijiet min-naħa tas-soċjetà konvenuta huma irrelevanti għall-każ odjern u dan għaliex il-ħsara li saret ma kinitx bejn Ras Ħanżir u Ħas-Saptan iżda fuq il-moll stess.

Ikkunsidrat

Mill-provi okulari miġjuba mis-soċjetà rikorrenti kif ukoll mill-esperti tekniċi li tresqu, din il-Qorti hija konvinta u sodisfatta li s-soċjetà rikorrenti irnexxila tipprova fil-grad rikjest mil-liġi u ċioe fuq bilanċ ta' probabbilità, li l-ħsara ġiet ikkawżata billi ingħalaq il-valv min-naħa tal-ekwipaġġ li s-soċjetà konvenuta hija minnhom responsabbli u naqsu milli jiftħu l-valv li kien imiss qabel ma għalqu l-valv li minnu kienu qed jimlew. Dan jingħad ukoll fid-dawl li s-soċjetà konvenuta resqet lil Stephen Cassar biss bħala xhud okulari, li kien fuq il-moll ħdejn l-operaturi tal-Enemalta, u naqset milli tipproduċi lill-ekwipaġġ li kienu qegħdin jimmaniġġjaw proprju l-mili tat-tankijiet fuq il-vapur, li kienu jkunu l-aħjar xhieda li s-soċjetà konvenuta setgħet iġġib.

Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi illi għall-akkadut hija responsabbli s-soċjeta' konvenuta.

Ikkunisdrat;

[28] Paġna 293 tal-proċess
[29] *Ibid.*

**Danni**.

Hekk determinat li l-ħtija għall-akkadut mertu ta' din il-kawża hija tas-soċjetà konvenuta, jonqos li jiġi kkunsidrat id-danni reklamati mis-soċjeta' attriċi.

L-**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li 'kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.' Ma' dan l-artikolu jeħtieġ li ssir referenza wkoll għall-**Artikolu 1032 (1) tal-Kapitolu 16** li jaqra li 'Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.'. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor (**Artikolu 1033 tal-Kapitolu 16**).

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta` Dicembru, 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et** (Ċit Nru 2804/1996):-

"[...] ghal dik li hija responsabbilta` tal-incident de quo skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** jinghad li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". **("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici" -** A.C. 3 ta` Dicembru 1991). Illi ai termini tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** "jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb ta` familja". Illi fis-sentenza **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta` Marzu 2001) inghad illi "minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta` attenzjoni tieghu, b`negligenza u b`nuqqas ta` prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara

hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".

Is-soċjeta' attriċi qed titlob li s-soċjeta' konvenuta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' sbatax-il elf sitt mija u ħames ewro u sbatax-il ċenteżmu (€17,605.17). **Godfrey Scicluna,** il-*Financial Controller* tas-soċjeta' attriċi u **Tony Cassar** mis-soċjetà Cassar Ship Repair Ltd xhedu u ppreżentaw diversi dokumenti dwar l-ammont li qed titlob is-soċjeta' attrici. Ma jirriżultax li dawn ix-xhieda sarilhom kontro-eżami.

Il-kontestazzjoni fis-somma saret fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tas-soċjeta' konvenuta Din il-kontestazzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-ammont ta' elfejn, mija u tlieta u erbgħin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€2,143.94) mitlub mis-soċjetà Enemalta f'kawża simili kontra soċjeta' oħra fil-kawża fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta vs. Falzon Service Station Limited et** (Ċit Nru 202/2009) deċiża mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-11 ta' Jannar 2011 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-28 ta' Ġunju 2011. Dik it-talba kienet ġiet milqugħa mill-Qorti u ordnat lill-konvenuti f'dik il-kawża jħallsu l-ammont hekk mitlub. Jiġi osservat illi li l-ammont indikat fl-imsemmija sentenza huwa identiku għall-ammont li hemm f'dokument GS1[30] ppreżentat minn Godfrey Scicluna u għalhekk xejn mhu minnu li qed jintalab ammont aktar minn dak li intalab fil-kawża surreferita. Id-differenza li hemm bejniethom, huwa li fil-każ in eżami jirriżulta li kien jeħtieġ l-assistenza ta' kumpanija terza sabiex tkun tista' tiġbor il-fuel mill-baħar, filwaqt li fis-sentenza kwotata jirriżulta li dik l-assistenza ma kinitx meħtieġa. Ebda prova kuntrarja ma ġiet prodotta mis-soċjeta konvenuta.

**Imgħax Legali u Danni da Liquidarsi**.

[30] Paġna 103 tal-proċess.

Is-soċjeta' attriċi qed tirreklama wkoll l-imgħax legali mid-data tal-ħsara sal-effettiv pagament. Fil-fehma tal-Qorti it-talba għall-ħlas tal-imgħax "mid-data tal-ħsara" ma hiex fondata.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt noe** tal-24 ta' Ottubru, 1941 fejn ġie deċiż illi: " ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

F'sentenza fl-ismijiet **Maria Ellul Bonnici et vs. Felice Mercieca et noe** tas-26 ta' April, 1950 il-Qorti Civili Prim'Awla sahqet illi: "L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha". Spjegat illi dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora.

B'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti tqis illi l-imgħax fuq l-ammont likwidat b'sentenza għandu jibda' jiddekorri mid-data tas-sentenza; anke għaliex fl-ittra uffiċjali tagħha tat-8 ta' April 2011[31] il-korporazzjoni attriċi ma talbitx il-ħlas ta' somma likwida izda talbet lis-soċjeta' konvenuta "tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha mgarrba mill-Korporazzjoni."

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta,

[31] Paġna 26 tal-proċess

1. Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u ssib lis-soċjeta' konvenuta *Cassar Fuel Limited* responsabbli għall-inċident li seħħ fl-4 ta’ Diċembru 2006;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi fis-somma ta’ sbatax-il elf sitt mija u ħames ewro u sbatax-il ċenteżmu (€17,605.17);

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata ta’ sbatax-il elf sitt mija u ħames ewro u sbatax-il ċenteżmu (€17,605.17).

Bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta inkluż dawk tal-ittri uffiċjali tal-10 ta' Lulju 2007, tal-10 ta' Gunju 2009 u tat-8 ta' April 2011.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**